Parlament Ewropew
2024-2029

Kumitat għad-Drittijiet tan-Nisa u l-Ugwaljanza bejn is-Sessi

2024/2030(DEC)

21.2.2025

ABBOZZ TA' OPINJONI

tal-Kumitat għad-Drittijiet tan-Nisa u l-Ugwaljanza bejn is-Sessi

għall-Kumitat għall-Kontroll tal-Baġit

dwar il-kwittanza għall-implimentazzjoni tal-baġit tal-aġenziji tal-Unjoni Ewropea għas-sena finanzjarja 2023
(2024/2030(DEC))

Rapporteur għal opinjoni: Lina Gálvez

PA_NonLegDec

OPINJONI

Il-Kumitat għad-Drittijiet tan-Nisa u l-Ugwaljanza bejn is-Sessi jistieden lill-Kumitat għall-Kontroll tal-Baġit, bħala l-kumitat responsabbli, biex jinkorpora dan li ġej fil-mozzjoni għal riżoluzzjoni tiegħu:

A. billi l-Artikolu 8 tat-TFUE jiddikjara li l-Unjoni għandha tfittex li telimina l-inugwaljanzi u li tinkoraġġixxi l-ugwaljanza bejn il-ġeneri fl-azzjonijiet kollha tagħha, u b'hekk tistabbilixxi l-prinċipju tal-integrazzjoni tal-perspettiva tal-ġeneri; billi l-ugwaljanza bejn il-ġeneri trid tiġi inkorporata fil-politiki u l-attivitajiet kollha tal-UE, inkluż permezz tal-ibbaġitjar skont il-ġeneru fil-livelli kollha tal-proċess baġitarju; billi l-ugwaljanza hija dritt fundamentali skont it-Trattat ta' Liżbona u prijorità għall-Unjoni u l-kisba tal-ugwaljanza bejn il-ġeneri hija kruċjali għall-ħarsien ta' dawn id-drittijiet; billi l-Istitut Ewropew għall-Ugwaljanza bejn is-Sessi (EIGE) għandu rwol kruċjali fl-appoġġ lill-istituzzjonijiet tal-Unjoni u lill-Istati Membri fil-kisba ta' dak l-għan; billi huwa l-objettiv tal-EIGE li jikkontribwixxi u jsaħħaħ il-promozzjoni tal-ugwaljanza bejn il-ġeneri, inkluża l-integrazzjoni tal-perspettiva tal-ġeneri fil-politiki kollha tal-UE, kompitu li fih wera li huwa vitali u effettiv; billi huwa enfasizzat, għalhekk, li l-EIGE jeħtieġ li jiġi pprovdut b'riżorsi finanzjarji u umani suffiċjenti u stabbli biex iwettaq il-kompiti tiegħu;

B. billi l-EIGE ġie stabbilit biex jikkontribwixxi u jsaħħaħ il-promozzjoni tal-ugwaljanza bejn il-ġeneri fl-Unjoni, inkluż permezz tal-integrazzjoni tal-perspettiva tal-ġeneri fil-politiki kollha tal-Unjoni u fil-politiki nazzjonali li jirriżultaw, il-ġlieda kontra d-diskriminazzjoni abbażi tal-ġeneru, u s-sensibilizzazzjoni taċ-ċittadini tal-Unjoni dwar l-ugwaljanza bejn il-ġeneri;

C. billi l-missjoni ewlenija tal-EIGE tiffoka fuq il-kisba tal-ugwaljanza bejn il-ġeneri fl-UE billi jipprovdi r-riċerka, jiġbor u jikkomunika d-data, u jiżviluppa metodi biex jittejjeb il-ġbir tad-data u l-istatistika, ikejjel l-istat tal-ugwaljanza bejn il-ġeneri kemm fil-livell tal-UE kif ukoll f'dak tal-Istati Membri, jiżviluppa għodod metodoloġiċi u jipprovdi appoġġ tekniku għall-integrazzjoni tal-perspettiva tal-ġeneri, u jikkoopera mal-istituzzjonijiet tal-UE, l-Istati Membri tagħha, l-aġenziji tal-UE, l-organizzazzjonijiet internazzjonali, id-dinja akkademika, is-soċjetà ċivili u partijiet ikkonċernati oħra;

D. billi l-Indiċi tal-Ugwaljanza bejn il-Ġeneri tal-2023 għall-Unjoni Ewropea (UE) qabeż 70 punt għall-ewwel darba, u wera tkabbir modest ta' 1,6 punti mill-2022; billi ż-żieda fil-punteġġ globali tal-UE hija l-ogħla żieda minn sena għall-oħra sa mill-ewwel edizzjoni tal-Indiċi fl-2013; billi xi oqsma li juru sinjali ta' rigressjoni, b'mod partikolari fil-metriċi ekonomiċi u tal-introjtu;

E. billi fl-2023, il-ħidma tal-EIGE iffokat fuq żewġ prijoritajiet tematiċi: il-Patt Ekoloġiku Ewropew u l-vjolenza abbażi tal-ġeneru; billi l-kriżijiet jaggravaw il-vulnerabbiltà tan-nisa u l-esponiment tagħhom għall-vjolenza, filwaqt li jintensifikaw l-inugwaljanzi strutturali eżistenti u jaggravaw it-tipi kollha ta' vjolenza abbażi tal-ġeneru, inkluż dik fiżika, sesswali u psikoloġika; billi li jiġi segwit il-prinċipju tal-integrazzjoni tal-perspettiva tal-ġeneri, l-inkorporazzjoni ta' perspettiva sensittiva għall-ġeneru, u r-

riċerka dwar l-effett tal-politiki kollha fuq in-nisa huma aspetti kruċjali għall-kisba tal-ugwaljanza bejn il-ġeneri; billi n-nisa huma sottorappreżentati fi rwoli ewlenin fil-politika dwar il-klima, peress li l-irġiel għadhom jokkupaw 67 % tar-rwoli responsabbli mit-teħid tad-deċiżjonijiet relatati mal-klima; billi l-EIGE indika wkoll li n-nisa huma sottorappreżentati fil-ħolqien u l-iżvilupp ta' innovazzjoni nadifa; billi dan għandu valur miżjud għat-tfassil tal-politika Ewropea;

F. billi l-ugwaljanza bejn il-ġeneri fl-Unjoni ntlaqtet b'mod partikolari mill-konsegwenzi tal-gwerra ta' aggressjoni tar-Russja kontra l-Ukrajna, il-kriżi tal-għoli tal-ħajja, li taffettwa lin-nisa b'mod sproporzjonat, u r-rigressjonijiet kontra l-ugwaljanza bejn il-ġeneri u d-drittijiet tan-nisa; billi dan ikompli jżid l-inugwaljanzi; billi l-ħidma tal-EIGE ffokat ukoll fuq il-vjolenza abbażi tal-ġeneru (GBV), permezz ta' ħidma fuq stħarriġ fl-UE kollha dwar il-vjolenza abbażi tal-ġeneru sabiex jingħalaq id-distakk ta' għaxar snin li kien jeżisti fid-data dwar il-prevalenza tal-vjolenza kontra n-nisa fl-UE; billi l-EIGE jaħdem biex jipprovdi evidenza dwar il-vjolenza abbażi tal-ġeneru li tista' tappoġġja lill-UE u lill-Istati Membri (u lil hinn) fl-isforzi tagħhom biex jeqirdu l-forom kollha ta' vjolenza;

G. billi l-aġenziji tal-UE, bħall-EIGE, jikkontribwixxu għall-implimentazzjoni tal-politiki tal-UE u jirsistu għall-iżvilupp ta' Ewropa aktar sostenibbli, inklużiva u kompetittiva għall-benefiċċju taċ-ċittadini kollha tal-UE; billi dawn l-aġenziji huma deċentralizzati u għalhekk indipendenti fl-iżvilupp tal-programmi ta' ħidma tagħhom;

1. Jenfasizza li f'dawn l-aħħar għaxar snin l-inugwaljanzi ekonomiċi, soċjali, tax-xogħol u tal-ġeneru fi ħdan l-Istati Membri u bejniethom saru aktar akuti; ifakkar fir-rwol importanti li għandu l-EIGE biex jinftehmu u jiġu indirizzati l-firxa u l-kawżi tal-inugwaljanza bejn il-ġeneri fl-UE; jinnota l-livell kostantement għoli tal-eżekuzzjoni tal-baġit tal-EIGE, minkejja n-nuqqas persistenti ta' persunal tal-aġenzija, b'approprjazzjonijiet ta' impenn sa 98 % fl-2023 u rata ta' approprjazzjonijiet ta' pagament ta' 83 %; jifraħ lil l-EIGE talli kiseb 92,76 % tal-objettivi tal-programm ta' ħidma tiegħu; jinnota li l-Indiċi tal-Ugwaljanza bejn il-Ġeneri tal-2023 iffoka fuq kif id-disparitajiet bejn il-ġeneri jaffettwaw, u jiġu affettwati, mill-isforzi tat-tranżizzjoni ekoloġika, speċjalment f'setturi bħall-enerġija, l-innovazzjoni tat-teknoloġija ekoloġika u t-trasport, u jilqa' l-inizjattivi tal-EIGE li jitfgħu dawl fuq dan il-fenomenu;

2. Jinnota li l-EIGE ġie stabbilit bħala ċ-ċentru ta' għarfien tal-UE dwar l-ugwaljanza bejn il-ġeneri biex jipproduċi riċerka indipendenti u jaqsam l-aħjar prattiki biex jelimina d-diskriminazzjoni abbażi tal-ġeneru, jikkombina r-riċerka, id-data u l-għodod biex jgħin lill-UE u lill-Istati Membri tagħha jfasslu politiki inklużivi u trasformattivi għall-ġeneru u jintegraw l-ugwaljanza bejn il-ġeneri fil-politiki kollha tagħhom; jenfasizza l-urġenza li l-Unjoni tavvanza fl-ugwaljanza bejn il-ġeneri, fid-dawl tal-kriżijiet li għaddejjin bħalissa, bħall-kriżi klimatika, il-gwerer, ir-rigressjonijiet kontra l-ugwaljanza bejn il-ġeneri u l-movimenti antidemokratiċi u l-vjolenza mifruxa abbażi tal-ġeneru; jenfasizza li l-indirizzar tar-rigressjonijiet u l-vjolenza abbażi tal-ġeneru ma jistax jiġi diżakkoppjat mill-indirizzar tal-inugwaljanzi ekonomiċi u soċjali; jistieden lill-EIGE jipprijoritizza r-riċerka u r-rakkomandazzjonijiet li jiffokaw fuq it-tnaqqis fid-differenza fil-pagi bejn il-ġeneri, iż-żieda fl-aċċess għal impjiegi ta' kwalità għan-nisa, u l-iżgurar tal-indipendenza ekonomika tagħhom bħala parti fundamentali tal-missjoni tiegħu; jinnota f'dan ir-rigward li d-differenza fil-pagi bejn il-ġeneri fl-UE hija ta' 13 % u d-

differenza fil-pensjonijiet bejn il-ġeneri hija ta’ 29 %, li taffettwa l-benesseri tan-nisa fis-soċjetà; jinnota li n-nisa fl-UE jesperjenzaw ukoll theddid għad-drittijiet fundamentali u l-awtonomija fiżika tagħhom, peress li l-attakki kontra s-saħħa sesswali u riproduttiva u d-drittijiet relatati, inklużi d-drittijiet għall-abort, għadhom jippersistu; itenni li n-nisa huma anke affettwati b’mod sproporzjonat mill-kriżi klimatika, il-gwerer u l-kunflitti;

3. Jirrikonoxxi r-rati ta’ suċċess għoljin tal-EIGE fl-iżvilupp ta’ azzjonijiet u kampanji ta’ komunikazzjoni dwar l-ugwaljanza bejn il-ġeneri, filwaqt li jenfasizza l-importanza li għandu fil-ħolqien ta’ sensibilizzazzjoni;

4. Jenfasizza l-importanza li jitkomplew l-azzjonijiet relatati mal-integrazzjoni tal-perspettiva tal-ġeneri li ma kisbux rata ta’ suċċess ta’ 100 %, b’mod partikolari minħabba raġunijiet proċedurali;

5. Jenfasizza r-riċerka importanti mill-EIGE li turi kif il-vjolenza hija riżultat ta’ inugwaljanzi li jaffettwaw lin-nisa kollha, iżda li tabilħaqq xi gruppi ta’ nisa huma aktar vulnerabbli li jesperjenzaw vjolenza, bħan-nisa b’diżabbiltà; jistieden lill-EIGE jkompli jiżviluppa l-ħidma futura tiegħu dwar dan is-suġġett urġenti;

6. Jinnota li l-EIGE diġà jqis il-vjolenza kontra n-nisa bħala ksur tad-drittijiet tal-bniedem fost l-aktar severi fis-soċjetajiet;

7. Jaqbel mal-EIGE fir-riċerka tiegħu li n-nisa u l-bniet b’diżabbiltà spiss ikunu f’riskju akbar ta’ faqar tat-trasport minħabba l-affordabbiltà, id-disponibbiltà u l-aċċessibbiltà limitati tat-trasport;

8. Jilqa’ l-punti ewlenin tal-ugwaljanza bejn il-ġeneri tal-EIGE li ppreżentaw lill-Kroazja u lill-Greċja bħala l-pajjiżi li għandhom l-ogħla proporzjon ta’ nisa fost il-persunal tar-riċerka u l-innovazzjoni fl-intrapriżi kummerċjali tas-setturi tal-elettriku, tal-gass u tal-provvista tal-ilma; jinnota li tali informazzjoni għandha valur miżjud għall-kawża tal-ugwaljanza bejn il-ġeneri fis-suq tal-enerġija;

9. Jinnota li ż-żieda ta’ 8,5 % fl-ispejjeż tal-persunal tal-EIGE tista’ tiġi attribwita għar-rata ta’ inflazzjoni għolja b’mod persistenti kif ukoll għall-indiċjar tas-salarji ta’ 2,7 %, u li l-għadd medju ta’ persunal baqa’ 45; jinnota li żewġ aġenti kuntrattwali ġew ingaġġati u ffinanzjati mill-ftehim ta’ kontribuzzjoni tal-Istrument għall-Assistenza ta’ Qabel l-Adeżjoni mad-Direttorat Ġenerali għall-Viċinat u n-Negozjati għat-Tkabbir tal-Kummissjoni; jinnota li r-Regolament (KE) Nru 1922/2006 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-20 ta’ Diċembru 2006 li jistabbilixxi Istitut Ewropew għall-Ugwaljanza bejn is-Sessi, f’artikolu 6 jiddikjara li l-EIGE għandu jiffunzjona b’mod indipendenti fl-interess pubbliku; ifakkar li l-kompitu tal-EIGE huwa li jiġbor, janalizza u jxerred informazzjoni dwar l-ugwaljanza bejn il-ġeneri u li jiżviluppa, janalizza, jevalwa u jxerred għodod ta’ metodoloġija sabiex jappoġġja l-integrazzjoni tal-ugwaljanza bejn il-ġeneri fil-politiki tal-Unjoni u l-politiki nazzjonali li jirriżultaw; jirrikonoxxi n-nuqqas persistenti ta’ persunal tal-EIGE, kif muri fis-sejbiet tat-tieni evalwazzjoni esterna; jisħaq fuq it-talbiet tiegħu biex l-EIGE jingħata l-baġit u l-allokazzjonijiet tal-persunal meħtieġa biex ikun jista’ jwettaq il-kompiti tiegħu, inkluż b’rispons għaż-żieda fit-talbiet urġenti, l-assistenza teknika, u t-talbiet għas-servizzi tiegħu;

10. Ifakkar li l-EIGE twaqqaf biex jgħin lill-istituzzjonijiet Ewropej u lill-Istati Membri jintegraw l-ugwaljanza bejn il-ġeneri fil-politiki kollha tagħhom u biex jiġġieldu d-diskriminazzjoni fuq il-bażi tal-ġeneru billi jipprovdi studji aġġornati, u b'hekk jikkontribwixxi b'mod importanti għall-isforzi biex tinkiseb ugwaljanza ġenwina bejn il-ġeneri;

11. Jilqa' l-kooperazzjoni li għaddejja bejn l-EIGE u l-Kumitat għad-Drittijiet tan-Nisa u l-Ugwaljanza bejn is-Sessi (FEMM), b'mod partikolari l-kontribut tal-Istitut fl-isforzi kontinwi mill-Kumitat fir-rigward tal-vjolenza abbażi tal-ġeneru, il-bilanċ bejn ix-xogħol u l-ħajja privata, id-differenza bejn il-ġeneri fil-pagi u fil-pensjonijiet, l-impatt tal-kriżijiet fuq in-nisa, l-integrazzjoni tal-perspettiva tal-ġeneri u l-ibbaġitjar skont il-ġeneru; jappoġġja bil-qawwa l-ħidma tal-Istitut, li tippermetti lill-Kumitat jagħmel xogħlu kif suppost; jinnota l-importanza tad-disponibbiltà ta' data affidabbli diżaggregata skont il-ġeneru sabiex ikunu jistgħu jitfasslu politiki bbażati fuq l-evidenza; jinnota l-kontribut siewi li l-EIGE jista' jagħti lill-Kumitati kollha tal-Parlament Ewropew u aġenziji oħra tal-UE sabiex l-integrazzjoni tal-perspettiva tal-ġeneri tiġi integrata aħjar fil-politiki u l-azzjonijiet tal-UE; jistieden lill-EIGE jadotta qafas intersezzjonali fir-riċerka u fit-tfassil tal-politika tiegħu biex jindirizza l-iżvantaġġi soċjali u ekonomiċi aggravati li jiffaċċjaw in-nisa minn gruppi emarġinati, inklużi n-nisa ta' ta' karnaġġjon li mhux abjad, il-migranti, il-persuni b'diżabbiltà, u l-individwi LGBTIQA+; jisħaq fuq l-importanza li tingħabar data diżaggregata biex jiġu żviluppati soluzzjonijiet immirati għal dawn il-gruppi;

12. Huwa tal-fehma li, fuq il-bażi tad-data attwalment disponibbli, tista' tingħata kwittanza lid-Direttur tal-EIGE fir-rigward tal-implimentazzjoni tal-baġit tiegħu għas-sena finanzjarja 2023.

ANNESS: ENTITAJIET JEW PERSUNI LI R-RAPPORTEUR GĦAL OPINJONI RĊIEVA KONTRIBUT MINGĦANDHOM

Il-President fil-kapaċità tagħha bħala rapporteur għal opinjoni tiddikjara, taħt ir-responsabbiltà esklużiva tagħha, li ma rċeviet l-ebda kontribut minn entità jew persuna li jrid jissemma f'dan l-Anness f'konformità mal-Artikolu 8 tal-Anness I tar-Regoli ta' Proċedura.

INFORMAZZJONI DWAR L-ADOZZJONI FIL-KUMITAT LI JINTALAB JAGĦTI OPINJONI

Data tal-adozzjoni	18.2.2025
Riżultat tal-votazzjoni finali	+: 27 –: 10 0: 1
Membri preżenti għall-votazzjoni finali	Abir Al-Sahlani, Mireia Borrás Pabón, Irmhild Boßdorf, Mélissa Camara, Margarita de la Pisa Carrión, Valérie Devaux, Elisabeth Dieringer, Rosa Estaràs Ferragut, Heléne Fritzon, Lina Gálvez, Alexandra Geese, Chiara Gemma, Assita Kanko, Arba Kokalari, Ewa Kopacz, Elena Kountoura, Sebastian Kruis, Judita Laššáková, Eleonora Meleti, Irene Montero, Carolina Morace, Maria Noichl, Mirosława Nykiel, Sirpa Pietikäinen, Giusi Princi, Emma Rafowicz, Joanna Scheuring-Wielgus, Benedetta Scuderi, Laurence Trochu, Marko Vešligaj, Maria Walsh, Lucia Yar
Sostituti preżenti għall-votazzjoni finali	Elena Donazzan, Loucas Fourlas, Elisabeth Grossmann, Jana Toom
Sostituti (skont l-Artikolu 209(7)) preżenti għall-votazzjoni finali	Gabriella Gerzsenyi, Nikos Papandreou